MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2004

Appell Kriminali Numru. 44/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Adrian Degabriele**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Adrian Degabriele talli fit-8 ta' Novembru 2003 ghall-habta ta' 14:00 hrs fi Triq Aldo Moro, Marsa:

1. Saq il-vettura EAB 451 b'manjera traskurata;
2. Saq l-imsemmija vettura b'manjera perikoluza;
3. Saq l-imsemmija vettura b'giri aktar milli jmissu;

U dan ai termini ta' l-artikolu 15(1)(a)(2) Kap 65, MVR 127.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Adrian Degabriele jigi skwalifikat mil-licenzi kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' mhux inqas minn tliet xhur;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-13 ta' Frar 2004 li permezz taghha ma sabitx lill-imsemmi Adrian Degabriele hati tat-tielet imputazzjoni u lliberatu minnha izda sabitu hati ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' tletin liri Maltin (Lm30);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Adrian Degabriele li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi thassarha in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet filwaqt li tikkonfermaha in kwantu lliberatu mit-tielet imputazzjoni u ghalhekk tilliberah minn kull htija u piena;

Rat il-verbal ta' Dr. Mark Said ghall-appellat Avukat Generali fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2004 fejn eccepixxa n-nullita` tar-rikors ta' l-appell stante li huwa nieqes ghal kollox mill-esposizzjoni tal-fatti fil-qosor kif titlob il-ligi taht piena ta' nullita` bl-artikolu 419(1) tal-Kodici Kriminali, u inoltre u minghajr pregudizzju, li jidher ukoll li ma hemm ebda aggravju specifiku migjub fl-istess rikors ta' appell;

Rat l-atti kollha relattivi;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Permezz ta' din is-sentenza l-Qorti se tittratta l-eccezzjonijiet sollevati mill-appellat Avukat Generali li huma bbazati fuq dak li jiddisponi l-artikolu 419(1) tal-Kodici Kriminali fis-sens li gej:

**"Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizzjarji, ghandu jkun fih, taht piena ta' nullita` -**
**(a) il-fatti fil-qosor;**
**(b) ir-ragunijiet ta' l-appell;**
**…** ***omissis*** **…"**

Issa kif gie ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Said** fil-25 ta' Lulju 1994 (Vol. LXXVIII.v.304):

*"…l-gurisprudenza ormaj kopjuza dwar in-nullita` tar-rikors ta' l-appell minhabba karenza tar-rekwizit tal-fatti fil-qosor, ma'hix gurisprudenza bbazata fuq formalizmu jew inflessibilita` procedurali, izda gurisprudenza bbazata fuq interpretazzjoni ragjonevoli ta' l-imsemmi dispost tal-ligi. Dana jirrizulta anke mill-istess zewg sentenzi ccitati mill-appellant fin-nota msemmija u cjoe`* ***Henriette Mifsud Bonnici v. Maurice Mifsud Bonnici*** *tal-20 ta' Lulju, 1951 (Vol. XXXV.iv.747)(mhux Vol. XXV kif erronejament indikat fin-nota) u* ***Spiteri v. Abela*** *(Vol. XXIX.iv.569). Il-principji stabbiliti f'dawn is-sentenzi, li jinsabu rispekkjati f'sentenzi aktar recenti bhal, per ezempju,* ***Il-Pulizija v. Lawrence Zammit u Paul Spiteri****, 25 ta' Lulju 1986,* ***Il-Pulizija v. Alfred Debono****, 23 ta' April 1992 u* ***Il-Pulizija v. Julian Bonello****, 14 ta' Mejju 1992, ilkoll appelli kriminali, jistghu jigu riassunti fis-segwenti tliet propozizzjonijiet: (1) li r-rikors ghandu jkun fih espozizzjoni tal-fatti saljenti u essenzjali tal-kawza, esposti b'mod* ***car u komplet****, b'mod li l-kontroparti tkun tista' tifhem fuqhiex ghandha tiddefendi ruhha jew tittratta, u b'mod li din il-Qorti tkun* ***tista' ssegwi sewwa*** *l-isvolgiment tal-kaz u tillimita d-dibattitu ghal dak li hu bzonnjuz u tirrikjedi l-iskjarimenti mehtiega; (2) illi ghalhekk ma jkunx sodisfatt il-vot tal-ligi jekk il-fatti jkunu sparpaljati b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwahom; u (3) li certament mhux il-kompitu tal-Qorti li toqghod tipprova tispigola l-fatti mill-aggravji jew vice versa"*.

Kemm il-fatti esposti fil-qosor kif ukoll ir-ragunijiet ta' l-appell (l-aggravji) iridu jitnizzlu separatament fir-rikors ta' appell. Bhalma l-indikazzjoni ta' l-aggravji ma tistax issir b'semplici referenza ghall-fatti, hekk ukoll il-fatti jridu jkunu esposti indipendentement mill-aggravji.

Fil-kaz odjern, ghalkemm l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu ma jaghmel l-ebda premessa dwar liem'huma l-"fatti fil-qosor", huwa evidenti li l-fatti rilevanti huma

kontenuti fit-tieni u fit-tielet paragrafi ta' dan ir-rikors. Huwa bla dubju ta' xejn ferm rakkommandabbli li tali premessa ssir qabel in-narrativa tal-"fatti fil-qosor" izda ma jistax jitqies li n-nuqqas li tigi inserita tali dikjarazzjoni wahdu jirrendi null ir-rikors ta' appell. Ir-rikors ta' l-appellant seta' gie redatt ahjar u b'aktar precizjoni. Pero`, ghajr ghar-raba' paragrafu li jikkontjeni d-*decide* ta' l-ewwel Qorti u li normalment jigi inserit bhala paragrafu preliminari wara li jkunu gew elenkati l-imputazzjonijiet, xorta tezisti s-sekwenza li normalment wiehed jistenna f'rikorsi simili, u ghalhekk il-Qorti setghet tifhem sew l-isvolgiment tal-kaz u l-motiv ta' l-appell. Hekk, wara li fl-ewwel paragrafu l-appellant jirreferi ghall-imputazzjonijiet, fit-tieni u fit-tielet paragrafi huwa jghaddi mill-ewwel biex jindika x'inhuma l-fatti fil-qosor, u cioe` d-dettalji dwar l-incident kif irrizultaw mix-xiehda tax-xhud tal-prosekuzzjoni u l-kontenzjoni ta' l-appellant li hu qatt ma kien involut f'dan l-incident. Imbaghad fil-hames paragrafu jghid x'inhu l-aggravju tieghu, cioe` li l-ewwel Qorti ma setghetx ma kellhiex almenu dubju ragonevoli dwar l-involviment ta' l-appellant, aggravju li jkun jehtieg li din il-Qorti tidhol fl-apprezzament tal-provi. Dan hu segwit bl-argumenti tieghu biex isahhu dan l-uniku aggravju qabel ma finalment jaghmel it-talbiet tieghu. Ghaldaqstant il-Qorti ma ssibx li ghandha tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-appellat.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet preliminari ta' l-appellat u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------